MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Numru. 821/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**GILMORE CACHIA ta' 24 sena, iben Martin u Therese nee' Carabott, imwieled tal-Pieta' nhar it-03.11.1985, residenti fil-fond Casa Martina, Triq l-Imhallef Harding, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 39386M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **GILMORE CACHIA** li gie akkuzat talli fl-4 ta' Settembru, 2004 u fiz-zminijiet precedenti, fuq il-monti tal-Belt, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tass-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli, jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbin b'qerq, u cioe' music CDs allegatament foloz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli safa recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati datata 14.01.2003.

Rat li Gilmore Cachia ghal tali akkuzi wiegeb illi ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali kif ukoll il-fatt illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ftit provi prodotti jirrizulta ben car illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu bhala hawker, kif iddikkjara li huwa xogholu fl-interrogatorju, tmintax(18)-il CD, ezebiti bhala Dok GC 2.

Ghalhekk PC 290 Jean Paul Formosa xehed illi waqt search fuq il-monti resqu lejn l-istand ta' l-imputat. Innutaw li hu hareg borza bajda minn taht it-tilar. Minnha hareg xi

affarijiet li beda jifta' fuq it-tilar. Jghid illi hu hatafhomlu ghax kienu ghax-xhud jidhru li kienu CD conterfeits.

Gie fil-fatt mahtur l-espert Martin Bajada biex jezamina l-genwinita' ta' l-istess CDs ezebiti.

Ghalhekk l-espert imsemmi kkonkluda li t-tmintax(18)-il optical diskettes huma kollha non-compliant.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet. Issa l-Avukat Difensur qal illi ma ngabet ebda prova li kien hemm fl-ezebiti xi tabella, emblema jew sinjal imxebbha b'qerq, cioe' li jista' jwassal ghall-qerq tat-terz, ghalhekk li tista' b'tali tibdil tqarraq bix-xerrej, tant li jghid fis-sottomissjonijiet tieghu li s-Sur Bajada ma ezamina ebda ksur ta' trade mark. Hekk fil-fatt hu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti meta tat l-inkarigu lill-espert ghamlet dan biex jigi stabbilit jekk is-CDs ezebiti kinux compliant – allura originali. Ta' dan il-Qorti m'ghandhiex dik is-sengha u hila li trid il-Ligi, ghalhekk hatret l-espert taghha. Pero stante li din il-Qorti kif preseduta hija ben esposta ghal merce li hawn fis-suq, inkluzi CDs u DVDs, ma trid ebda sengha u hila biex tasal ghal konkluzjoni tant semplici, illi l-packing tas-CDs ezebiti huma xembjanza fqira ta' l-original li taghhom iridu jitwemmnu li huma. Allura din is-sembjanza qieghda titpogga fuq is-suq b'emblemi, xbieghat u s-sinjali kollha li talvolta ghandu l-original, biss biex tqarraq bil-konsumatur li forsi ghalih tali prodott jista' jghaddi ghal wiehed genwin. Ma thossx il-Qorti li kellha bzonn ebda prova ohra ghajr illi tara ad occhio l-ezebiti Dok GC 2. Allura ma tistax taqbel mat-tezi tad-Difiza. Fil-fatt jirrizulta l-pussess ta' l-istess CDs ghand l-imputat, il-fatt illi hu qieghdhom ghall-bejgh fuq it-tilar, u l-fatt illi certament la huma u wisq anqas il-packing taghhom ma kienu genwini.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti Dok GC 1 a folio 15 – 16. Rat ukoll l-ezentazzjoni ghal prova ta' l-identita' tar-recidiva a folio 20.

Ghaldaqstant qieghda ssib htija ai termini ta’ l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(d) u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena rat ukoll li s-sentenza li taghha Gilmore Cachia huwa recidiv hija ta’ l-istess reat in dezamina – jidher fil-fatt illi Gilmore Cachia allura baqa’ ma tghallem xejn.

Dwar il-piena rat ukoll l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda ghalhekk tikkundanna lil Gilmore Cachia ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur;
Tordna wkoll il-konfiska tas-CDs ezebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------